# FIL-QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA

**Seduta ta' Tlieta 3 ta' Marzu 2020.**

**Rikors nru: 152/2018 AGV**

**ABC (ID nru;420079M)**

**Vs**

**D sive E B (ID nru: 513876M)**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors** tar-rikorrenti pprezentat fit-22 ta' Jannar 2020, li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet zzewwgu nhar is-sittax ta' Ottubru 2010 b' dana illi huma ghexu hajja mizzewwga ghal madwar hames jew sitt snin.

2. Illi ghalhekk il-partijiet ilhom ma jghixu flimkien bhala koppja mizzewwga ghal diversi snin u li ormai ghandhom hajja kompletament separata minn xulxin.
3. Illi effetivament il-partijiet ma akkwsitaw l-ebda propjeta’ immobbli flimkien matul iz-zwieg, u li se mai l-esponent qed jitlob biss li jigi kumpensat ghal xogholijiet li allegatement ghamel fil-fond gja’ matrimonjali, propjeta’ parafernali tal-esponenti.
4. Ill inoltre il-partijiet entrambi ghandhom impjieg u dhul indipendenti minn xulxin, filwaqt l l-konvenut ilu snin ormai anke diehel u hiereg f’ relazzjonijiet differenti.
5. Illi l-konvenut ghandu sa issa lanqas qatt ma attenda ghal seduta wahda b’ dana illi l-partijiet ma ghandhom l-ebda kuntratt bejniethom u l-esponenti ma ghandha l-ebda kontroll fuq kwalsiasi djun li l-konvenut jista’ jkun dahal ghalih fl-ahhar xhur u snin.
6. Illi effetivament hija konxja li l-konvenut ghandu fil-pusess tieghu vetturi li gew fil-pusess tieghu ricentament u ghaldaqstant ghandha kull interess tara li l-konvenut mhux qed jidhol fid-djun, filwaqt li l-komunjoni ghadha ezistenti bejniethom.
7. Illi fic-cirkostanzi, huwa evidenti li ma hemm l-ebda wiehed mill-partijiet li ser tigi ppregudikata f’ kaz li l-komunjoni tal-akkwisti tigi xolta.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha;

a. Tiddikjara terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b’ effett immedjat;
b. Tiddikara illi r-regim matrimonjali illi ghandu japplika bejn il-partijiet huwa s-seperazzjoni tal-assi;

Salv kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

**Rat ir-risposta** ta' D sive E B datata 4 ta' Frar 2020;

1. Illi l-esponenti EB ma jopponix it-talba ta' ABC li tigi terminata l-komunjoni tal-akkwisti anke jekk ghax ABC, mhix persuna li tafdaha bil-flus u hi persuna li tixtri bl-addocc;
2. Illi ABC qed tippretendi ma thallas xejn ghal-ispejjez u xogholijiet konsiderevoli li hallashom u ghamilhom l-esponenti EB u din hi r-raguni li l-partijiet ghandhom ghaddejjin bil-proceduri quddiem dina l-Onorabbli Qorti;
3. Illi di piu' ABC kellha relazzjoni extra konjugali u kien dan ukoll li wassal ghal tifrik taz-zwieg flimkien ma' kif gabet ruhha bhala mara mizzewwga;

Salv eccezzjonjiet ohra.
Bl-ispejjez.

**Rat** id-dokumenti esebiti.

**Rat** illi ma kienx hemm opposizzjoni ghat-talba ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi dan ir-rikors billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tordna minnufih l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti, b'dan li fi zmien ghaxart ijiem l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jirregistra l-istess ordni moghtija f'dina s-sentenza

L-ispejjez ghandhom jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Deputat Registratur**